Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 18 ta' Marzu 2025
(OR. en)

6964/25
PV CONS 9
SOC 119
EMPL 81
SAN 84
CONSOM 38

**ABBOZZ TA' MINUTI**

KUNSILL[1] TAL-UNJONI EWROPEA
(Impjiegi, Politika Soċjali, Saħħa u Affarijiet tal-Konsumatur)

10 ta' Marzu 2025

[1] Bil-preżenza tal-presidenti rispettivi tal-Kumitat tal-Impjiegi (EMCO) u l-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali (KPS) fir-rigward tal-punti taħt "attivitajiet mhux leġislattivi" u "affarijiet oħrajn".

**1. Adozzjoni tal-aġenda**

Il-Kunsill adotta l-aġenda li tinsab fid-dokument 6576/25.

**Attivitajiet mhux leġiżlattivi**

**2. Semestru Ewropew 2025: Sfidi tat-trasformazzjoni minħabba t-tixjiħ – Inċentivi u soluzzjonijiet sistemiċi għall-promozzjoni ta' attività professjonali volontarja u estiża ta' persuni akbar fl-età** 6350/25

*Dibattitu ta' orjentazzjoni*

Il-Kunsill kellu dibattitu ta' orjentazzjoni dwar "Sfidi tat-trasformazzjoni minħabba t-tixjiħ: Inċentivi u soluzzjonijiet sistemiċi għall-promozzjoni ta' attività professjonali volontarja u estiża ta' persuni akbar fl-età", abbażi tan-nota ta' gwida mill-Presidenza li tinsab fid-dokument ta' hawn fuq.

**a) Aspetti soċjali u dawk relatati mal-impjiegi tar-Rakkomandazzjoni tal-2025 dwar il-politika ekonomika taż-żona tal-euro** 6274/25

*Approvazzjoni*

Il-Kunsill approva l-Aspetti soċjali u dawk relatati mal-impjiegi tar-Rakkomandazzjoni tal-2025 dwar il-politika ekonomika taż-żona tal-euro.

**b) Rapport Konġunt dwar l-Impjiegi 2025** 6435/1/25 REV 1 + COR 1

*Adozzjoni*

Il-Kunsill adotta r-Rapport Konġunt dwar l-Impjiegi 2025.

**c) Konklużjonijiet dwar ir-Rapport Konġunt dwar l-Impjiegi 2025** 6460/25

*Approvazzjoni*

Il-Kunsill approva l-Konklużjonijiet dwar ir-Rapport Konġunt dwar l-Impjiegi 2025.

| | | |
|---|---|---|
| d) | **Pjanijiet Fiskali-Strutturali fuq Terminu Medju: Ittra mill-Presidenti tal-Kumitat tal-Impjiegi u tal-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali**<br>*Preżentazzjoni mill-presidenti rispettivi* | 6498/25 |

Il-Kunsill ħa nota tal-preżentazzjoni mill-Presidenti tal-Kumitat tal-Impjiegi u l-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali tal-ittra tagħhom dwar il-Pjani Fiskali-Strutturali fuq Terminu Medju.

**Affarijiet oħra**

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| **3.** | a) | **Avvenimenti tal-Presidenza**<br>*Informazzjoni mill-Presidenza* | [2] | 6459/25 |

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mill-Presidenza dwar l-avvenimenti tal-Presidenza.

| | | | |
|---|---|---|---|
| b) | **Summit soċjali tripartitiku**<br>*Informazzjoni mill-Presidenza u l-Kummissjoni* | [2] | 6439/25 |

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mill-Presidenza u l-Kummissjoni dwar is-Summit soċjali tripartitiku.

| | | | |
|---|---|---|---|
| c) | **Programmi ta' ħidma tal-Kumitat tal-Impjiegi u tal-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali għall-2025**<br>*Informazzjoni mill-presidenti rispettivi* | [2] | 5977/25<br>6048/25 |

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mill-Presidenti tal-Kumitat tal-Impjiegi u tal-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali dwar il-programmi ta' ħidma tal-Kumitati għall-2025.

| | | | |
|---|---|---|---|
| d) | **Unjoni tal-Ħiliet**<br>*Informazzjoni mill-Kummissjoni* | [2] | 6463/25 |

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni mogħtija mill-Kummissjoni dwar l-Unjoni tal-Ħiliet.

**e) Patt għad-Djalogu Soċjali Ewropew** ◻2 6464/25
*Informazzjoni mill-Kummissjoni*

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mill-Kummissjoni dwar il-Patt għad-Djalogu Soċjali Ewropew.

**f) Id-Direttiva 79/7 dwar l-implimentazzjoni progressiva tal-prinċipju tat-trattament ugwali tal-irġiel u n-nisa fi kwistjonijiet ta' sigurtà soċjali: ħtieġa ta' aġġornament** ◻2 6466/25
*Informazzjoni minn Spanja*

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta minn Spanja dwar il-ħtieġa li tiġi aġġornata d-Direttiva 79/7 dwar l-implimentazzjoni progressiva tal-prinċipju tat-trattament ugwali tal-irġiel u n-nisa fi kwistjonijiet ta' sigurtà soċjali.

**g) Proposti leġiżlattivi attwali (deliberazzjoni pubblika f'konformità mal-Artikolu 16(8) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea)**

**Id-Direttiva dwar l-implimentazzjoni tal-prinċipju ta' trattament ugwali (Artikolu 19)** ❶S 6836/25
*Informazzjoni mill-Belġju, l-Estonja, Franza, l-Irlanda, l-Iżvezja, il-Lussemburgu, Malta, in-Netherlands, il-Portugall, is-Slovenja u Spanja*

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mill-Belġju, l-Estonja, Franza, l-Irlanda, l-Iżvezja, il-Lussemburgu, Malta, in-Netherlands, il-Portugall, is-Slovenja u Spanja dwar id-Direttiva dwar l-implimentazzjoni tal-prinċipju ta' trattament ugwali (Artikolu 19). Il-Greċja u l-Litwanja esprimew ukoll l-appoġġ tagħhom għad-direttiva bil-fomm matul il-laqgħa.

---

❶ L-ewwel qari

◻2 Dibattitu pubbliku propost mill-Presidenza (l-Artikolu 8(2) tar-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill)

S Proċedura leġiżlattiva speċjali

---